## ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 13 – IT-TLIETA 30 TA' ĠUNJU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa It-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI

1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

### 2 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq punt 4.2 tal-minuti preċedenti biex isiru t-tabelli tal-exhaust pipe il-barra. Huwa semma wkoll li hemm bżonn li jissaqqew il-pjanti li tħawlu hawnhekk fi Triq id-9 t' April.

2.2 Il-minuti ġew approvati mis-Sindku John Schembri u l-Kunsillier Eric Camilleri.

### 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku semma li se jsir barbeque minn naħa tal-AKL lejn l-aħħar ta' Lulju biex dawk il-Kunsilliera interessati jattendu għalih.

3.2 Is-Sindku semma li bħala Kunsill se napplikaw għall iskema tal-LC Care.

3.3 Is-Sindku semma li waslet email minn naħa tal-Visit Malta peress li kien ser jerġa jinfetaħ l-Airport u anki stednuna għall attività li kienet ser issir. Huma semmew ukoll li se jkun hemm bosta Każini u kmamar tan-nar li se jipparteċipaw.

3.4 Il-Kunsillier Aquilina saqsa jekk hux se jkun hemm Triq il-Gudja magħluqa minħabba l-attivita. Is-Sindku qal li minn naħa tal-organiżżaturi ma tawniex dettalji.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Aquilina qal li kien avviċinah tax-xagħar fejn ilmenta li kienu qed jarmulu l-affarijiet maġenb il-ħanut tiegħu.

4.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq it-traffic Management ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Huwa semma wkoll li hemm bżonn li jsiru l-linji fi Triq id-9 t' April u Triq l-Aħwa Vassallo. Is-Sindku semma li huwa kien kellem lill-uffiċċjali tat-Transport Malta fuq dawn it-toroq.

4.3 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li titnaddaf quddiem il-Każin tan-Nazzjonalisti u anki Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jieħu ħsieb jikkordina mal-ħaddiema.

4.4 Il-Kunsillier Aquilina semma li hemm id-dawl ta' Wesgħet Dun Joe Camilleri li jinsab maqtugħ. Is-Segretarju semma li se jkellem lill-kuntrattur tad-dawl biex jiċċekkja x' inhi l-ħsara.

4.5 Il-Kunsillier Camilleri semma li kienet ser issir laqgħa ma' Transport Malta rigward il-kwistjoni tat-trasport pubbliku għall Ħal Farruġ.

4.6 Il-Kunsillier Caruana saqsa x' kien qed jiġri fi Triq l-Arluġġar fuq it-tħammil li sar. Is-Sindku semma li s-sid tal-art li kienet tħammlet ma ttollerax aktar minn jibqa jarmilu fl-għalqa u għalhekk ġab gaffa u tefa kollox fit-Triq. Is-Sindku semma wkoll li kien sar rapport mal-Awtorita tal-Ippjanar biex ikun hemm infurzar fuq dan il-każ.

4.7 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk nistgħux niktbu lil tal-BOV fuq il-problema li qed ikun hemm kaxxiera waħda biss u n-nies qed ikollhom jistennew barra fix-xemx. Is-Sindku semma li huwa kien kellem lill-Onor. Silvio Schembri fuq din il-ħaġa il-ħaġa u bħala Ministru għamel pressjoni biex anki l-Bank jerġa jibda jiftaħ.

4.8 Il-Kunsilliera Massa qalet li kien hemm bozza fi Triq id-9 t' April lejn il-posta li ma kinitx qed tixgħel.

## 5. TERMINAZZJONI TAL-KUNSILLIER DONALD CASSAR

5.1 Is-Sindku semma li s-Segretarju, kien kiteb lill-Ministru dirett dwar is-sitwazzjoni tal-Kunsillier Donald Cassar fejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali stħareġ il-każ tiegħu u rrakomanda li l-post tiegħu bħala Kunsillier jinsab vakat.

5.2 Is-Sindku semma li kien hemm kommunikazzjoni minn naħa tal-Kummissjoni Elettorali fejn, ġejna infurmati li saret elezzjoni każwali u l-post tiegħu issa kien imtela mis-Sinjorina Maria Magri. Huwa qal li se jkun qed jikkordina biex din tingħata l-ġurament u tibda tattendi għall laqgħat.

## 6. FESTA SANT' ANDRIJA

6.1 Is-Sindku semma li din is-sena se jkun hemm il-festa ta' Sant' Andrija li se taqa' fuq il-ġurnata tal-Ħadd biss. Huwa ta d-dettalji tal-program tal-Quddiesa u appella lill-Kunsilliera biex dawk li se jattendu jinfurmaw ħalli jkun hemm il-postijiet riservati.

6.2 Il-Kunsillier Caruana semma li xorta jaqbel li jinġiebu mobile toilets hawnhekk. Is-Segretarju qal li fil każ jibbukkjahom.

## 7. XOGĦOLIJIET TAL-LATRINA

7.1 Is-Sindku semma li dan is-saqaf tal-latrina huwa ikkundannat. Huwa qal li dan kien mar jarah mal-Perit u hemm bżonn li jitwaqqa u jerġa jinbena mill-ġdid. Is-Sindku qal li peress li dan ix-xogħol ma kienx ippjanat fit-tender issa se jitlob li jkun hemm il-kwotazzjonijiet biex inkunu konformi mal-liġi. Is-Sindku li kien hemm xi żrar fuq ġewwa biex jittieħed maġenb il-Knisja ħa titwitta l-bankina.

## 8. XOGĦOLIJIET TAR-RESTAWR

8.1 Is-Sindku semma li dwar in-niċeċ li tagħhom applikajna mal-iskema tal-LESA dawn kien se jinbeda x-xogħol fil-bidu t' Awwissu kif avżat mill-kuntrattur.

8.2 Rigward l-istatwi l-inġiebu ta' San Pietru u San Pawl fiċ-ċimiterju ta' San Tumas, s-Sindku semma li huwa kien ħa direzzjoni minn naħa tas-Sovraintendenza tal-Patrimonju Kulturali fejn kienu se jiggwidawh fuq kuntratturi li jistgħu jagħmlu xogħol b' mod kompetenti.

## 9. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq pagamenti.

## 10. TMIEM TAL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020 fis-6.30 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |